**293. Il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent, l-Onor. Tonio Borg ressaq din il-mozzjoni:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jixtri lura l-proprjeta' mibjugħa lill-*Malta International Airport* permezz tal-kuntratt tas-7 ta' Frar 1992 u jagħti b'ċens mill-ġdid l-istess art u artijiet oħra fil-kumpless tal-mitjar kif ukoll it-tmexxija ta' *runway* lill-*Malta International Airport*;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' l-Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' f'Ħal Luqa, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'ċens lill-*Malta International Airport* għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

04.07.2002